MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2447/2002

**Altas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Simonds Farsons Cisk plc abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Sea Malta Company Limited u b'digriet tad-9 ta' Jannar, 2003 it-Tribunal jordna l-kjamata in kawza tas-socjeta' 'Focal Maritime Services Limited bhala Agent tal-vapur Regulus V 55 proprjeta' ta' United Feedering Services**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u sbatax-il lira u sitta u erbghin centezmu (Lm1,117.46c) jew somma ohra verjuri rapprezentanti hsarat fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura**

**u l-kustodja tas-socjeta' konvenuta, liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment MV Regulus fl-24 ta' Novembru, 2001, liema danni diga thallsu mis-socjeta' attrici.**

**Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' Sea Malta Company Limited ipprezentata fil-11 ta' Novembru, 2002 fejn intqal illi:**

**1. Id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti;**
**2. Is-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Ltd. mhix responsabbli ghad-danni reklamati ghat-tenur tal-polza tal-karigu relattiva ghall-vjagg in kwistjoni, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;**
**3. It-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;**
**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' kjamata fil-kawza Focal Maritime Services Co. Ltd ipprezentata fil-21 ta' Marzu, 2003 fejn intqal illi:**

**1. Illi l-pretensjoni attrici kwantu ndirizzata kontra l-kjamata fil-kawza hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;**
**2. Illi l-konvenuta qatt ma giet informata mis-Sea Malta li kien hemm xi claim;**
**3. Illi s-socjeta' konvenuta qatt ma kellha xi rapport dwar xi hsarat lill-containers li ngarru mill-MV Regulus biex tingieb il-merkanzija f'Malta;**
**4. Illi l-container hu tas-Sea Malta u kien biss meta rcevew l-Avviz illi saru jafu li kien hemm *«claim»;***
**5. Illi l-attrici lanqas biss issemmi n-numru tal-container li dwaru qed tallega li saret il-hsara;**
**6. Illi ntuzat id-diligenza mehtiega biex il-merkanzija tingieb Malta u l-inkarigu moghti mill-awtur tal-konvenuta giet espletat korrettament.**

**7. Isegwi illi l-konvenuta m'ghandha l-ebda spejjez xi thallas lill-attrici.**
**8. Bl-ispejjez kontra l-attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Brian Valenzia, Joe Cefai, Dr Ian Micallef, Raymond Darmanin, Maria Louise Spiteri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta' attrici surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Simonds Farsons Cisk pls qed titlob ir-rimbors tad-danni kagunati f'merci li waslet Malta fl-24 ta' Novembru, 2001 fuq il-bastiment MV Regulus.**
**2. Mill-provi mismugha jirrizulta illi l-merkanzija danneggjata kienet qed tingarr f'container liema container jirrizulta li f'xi waqt fit-tragitt mill-Italja sal-fabbrika gie danneggjat. Jirrizulta illi l-polza ta' karigu Dok A ma tindikax illi l-container kellu danni meta tghabba. Dan il-container jirrizulta mill-istess polza ta' karigu illi kien sigillat. Fil-fatt il-polza ta' karigu tghid hekk "container/s remitted to the carrier previously stuffed, closed and sealed by the shipper. Carrier having no reasonable means of checking, does not guarantee neither the internal storage nor the contents, nature, number, quantity or quality". Li hemm indikat illi l-container kien qed igorr 44 packages plastic bottles.**
**3. Jirrizulta illi meta l-container tnizzel minn fuq il-vapur fil-Freeport fl-24 ta' Novembru 2001 dana ma kellux hsara. Dr Ian Micallef, Legal and Insurance Manager mal-Freeport Terminal Malta Limited jikkonferma illi meta jkun hemm il-hsara fil-genb ta' container hu u niezel mill-vapur din tigi nnutata. Dr Micallef xehed hekk "meta nizel il-container in kwistjoni minn fuq il-vapur, ma hareg ebda rapport dwar hsarat dwar il-container." L-istess Dr Micallef jikkonferma illi ghamel xi jiem parkeggjat il-Freeport u l-hsara rrizultat biss waqt li l-container kien hiereg mill-gate tal-Freeport u dana fid-29 ta' Novembru, 2001 (Dok IM).**

**4. Meta l-container wasal il-fabbrika ta' Simonds Farsons Cisk u nfetah giet innutata l-hsara gewwa. Skond Brian Valenzia Direttur tas-socjeta' attrici l-hsara li kien hemm gewwa kienet kompatibbli mad-daqqa li kellu l-container barra.**

**5. Kif sewwa sottomess mill-abbli difensur tas-socjeta' konvenuta l-merkanzija kienet qed tingarr bil-kondizzjoni "door/free out". Ir-regoli ta' ICC huma cari dwar it-tifsira wkoll ta'** ***free alongside ship,*** **li fir-rigward ighidu hekk "free alongside ship means that the said delivers when the goods are placed along side the vessel at the named port of shipment. This means that the buyer has to bear all costs and risks of loss of or damage to the goods from that moment." Il-bill of lading tindika l-port of discharge pero' thalli vojta l-place of delivery. Kien l-obbligu ta' l-assikurat li jmur ghalihom u f'dawk ic-cirkostanzi ma setghetx is-socjeta' konvenuta tidhol responsabbli ghalih sakemm il-merkanzija qed tinzamm il-Freeport.**

**6. Hemm prova cara illi l-container tghabba mill-Italja minghajr hsara, illi l-container wasal Malta u tnizzel minghajr hsara, u li l-hsara fil-container giet innutata biss hu u hiereg mill-gate tal-Freeport u dana hamest ijiem wara li kien wasal Malta. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma tistax tigi ritenuta responabbli ghall-hsara fil-merkanzija, jekk dawn wara kollox tassew sehhewx minnhabba d-daqqa illi garrab il-container.**

**7. Dwar il-kjamat in kawza dana definittivament ukoll m'ghandu ebda htija ghal dak li gara u jirrizulta illi lanqas ma kien hemm relazzjoni guridika bejnu u bejn l-assigurat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta' kjamata in kawza Focal Maritime Services Limited bhala Agent tal-vapur Regulus V55 propjeta' ta' United Feedering Services Limited u qed jichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ta' dina l-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici hlief ghal dawk tas-socjeta'**

**kjamata in kawza li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------